MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 72/2000/1

**Doris Bonnici u Julio Pace**

**vs**

**i) Kenneth Zammit**
**ii) Sylvana Mercieca**

Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fl-20 ta’ Jannar, 2000, fejn talbu lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenuti illi jersqu ghal-likwidazzjoni u eventwali hlas ta’ danni kkagunati mill-konvenuti jew min minnhom stante incident awtomobilistiku li sehh fit-23 ta’ Mejju, 1997, fi Triq l-Industrija, Kirkop, meta l-attur kien qed isuq il-vettura Daihatsu Charade bin-numru tar-registrazzjoni EAB 304 u l-konvenut Kenneth Zammit Escort bin-numru tar-registrazzjoni AAO 627 u l-konvenuta Sylvana Mercieca Hyudai bin-numru ta’ registrazzjoni O-7653. Dan l-incident sehh tort unikament tal-konvenuti jew min

minnhom stante negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez, u imghax, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta Sylvana Mercieca fejn eccepiet illi:

1. Illi fl-ewwel lok it-talbiet tal-attrici Doris Bonnci, ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, stante li l-attrici ghada ma ceditx il-kawza fl-ismijiet ‘Doris Bonnici vs Sylana Mercieca et’ (Avv. Nru. 1967/97MM) liema kawza tirrigwarda l-istess meritu.
2. Illi sekondarjament it-talbiet tal-attur Julio Pace fil-konfront tal-eccipjenti huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti tirrileva illi l-incident tat-traffiku meriti ta’ din il-kawza ma garax tort u htija taghha u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
4. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ta’ Kenneth Zammit fejn eccipixxa:

Illi preliminarjament t-talbiet tal-attrici Doris Bonnici, ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, stante li l-attrici ghada ma ceditx il-kawza fl-ismijiet ‘Doris Bonnici vs Sylvana Mercieca et’ (Avv Nru 1967/97 MM) liema kawza tirrigwarda l-istess meritu u lanqas ma thallsu dritt tar-registru u dawk professjonali;

Illi wkoll it-talbiet tal-attur Julio Pace fil-konfront tal-eccipjenti huma preskritti a termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-eccipjenti tirrileva illi l-incident tat-traffiku ta’ din il-kawza ma garax tort u htija tieghu u dana ser jigi pruvat apjament waqt il-mori tal-kawza.

Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat ukoll in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet Ulterjuri ipprezentata mill-konvenut Kenneth Zammit fejn eccipixxa:

Illi fit-8 ta’ Ottubru, 2002, huwa gie awtorizzat iressaq eccezzjoni ulterjuri.

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident li diga’ kien il-meritu ta’ kawza deciza definittivament kemm fi prim istanza kif ukoll fl-appell (ara sentenza relattiva annessa bhala dokument KZ).

Illi ghalhekk qed tigi eccipita r-***res judicata*** fil-konfront ta’ l-attrici Doris Bonnici.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi hija haga verament stramba u mhux facli tiftiehem kif semplici kollizjoni tat-traffiku kellha s’issa tfaqqas hames sentenzi!  Ikun ahjar illi l-Qorti taghmel rendikont ta’ dawn is-sentenzi biex forsi tiftiehem ahjar l-ezitu ta’ din il-kawza fil-konfront tal-partijiet involuti f’dawn il-kawzi.

L-ewwel kawza li giet deciza kienet fl-ismijiet “Doris Bonnici vs Kenneth Zammit u Sylvana Mercieca”, Avviz Nru.1967/97.   Din il-kawza kienet tirrigwarda punt procedurali dwar nuqqas ta’ nteress da parti ta’ l-attrici Doris Bonnici peress illi ma kinitx hija li effettivament hallset ghat-tiswija tal-karozza taghha.   Is-sentenza nghatat fit-8 ta’ Marzu, 1999, li minnha sar appell fejn is-sentenza giet ikkonfermata fl-10 ta’ Jannar, 2000.

Sa dan it-tant, Kenneth Zammit fittex lil Sylvana Mercieca f’kawza quddiem il-Prim’Awla, li giet deciza fid-19 ta’ Frar, 2002.  Minn din il-kawza ma sarx appell u gie deciz li ghal dan l-incident kellu jahti esklussivament u unikament l-attur Kenneth Zammit.

Fl-istess hin saret kawza fl-Inferjuri minn Sylvana Mercieca kontra Kenneth Zammit li giet deciza fit-28 ta’ Ottubru, 2002, fejn allura gie segwit l-insenjament tal-Prim’Awla u l-Qorti Inferjuri kkonfermat l-istess responsabbilta’, bl-istess konsegwenzi kif pronuncjat mill-Prim’Awla.

Fil-kawza odjerna Doris Bonnici u Julio Pace qeghdin ifittxu lil Kenneth Zammit u lil Sylvana Mercieca ghad-danni kawzati fl-istess incident li gara fit-23 ta’ Mejju, 1997. Kemm Kenneth Zammit kif ukoll Sylvana Mercieca qeghdin ipoggu diversi ostakoli ghall-kawza ta’ l-atturi, fosthom dik tal-preskrizzjoni u fl-ahhar l-eccezzjoni ulterjuri mqajjma minn Kenneth Zammit, dik ta’ ‘res judicata’ fil-konfront ta’ Doris Bonnici.

Din l-eccezzjoni qeda titqajjem peress illi Doris Bonnici kienet ukoll parti fl-ewwel kawza, dik definittivament deciza mill-Qorti ta’ l-Appel fl-10 ta’ Jannar, 2000. Qabel ma’ l-Qorti tiddisponi mill-eccezzjonijiet l-ohra, trid bilfors tiehu konjizzjoni ta’ din l-eccezzjoni ta’ ‘res judicata’ mqajjma minn Kenneth Zammit fl-konfront ta’ Doris Bonnici.

Din il-Qorti rat id-decizjoni moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fl-10 ta’ Jannar, 2000, fl-ismijiet Doris Bonnici vs Kenneth Zammit u Sylvana Mercieca u tirrileva illi filwaqt li l-partijiet huma l-istess u t-talba fl-ewwel kawza hija wkoll l-istess, is-sentenza li nghatat fil-Prim’Awla u konfermata mill-Qorti ta’ l-Appell, ma kinitx tirrigwarda l-meritu tal-kawza izda biss punt procedurali dwar nuqqas ta’ nteress da parti ta’ Doris Bonnici.

Il-meritu li huwa l-incident tat-traffiku in kwistjoni baqa’ mpregudikat u la l-Prim’Awla u lanqas il-Qorti ta’ l-Appell ma dahlu fil-meritu taghha. Kienet biss il-Prim’Awla u l-Qorti Nferjuri illi dahlu fil-meritu ta’ l-incident. F’dawn l-ahhar zewg kawzi Doris Bonnici ma ffiguratx u ghalhekk ma hemmx stat fil-konfront taghha.

Ghalhekk, jekk hemm xi paragun xi jsir, dana jrid isir bejn il-kawza odjerna u dik deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Jannar, 2000.

Biex l-eccezzjoni ta' 'res judicata' tirnexxi, jrid jirrizulta illi z-zewg kawzi kienu bejn l-istess persuni, l-istess oggett u l-istess kawzali.

Kif ghallmet il-kawza Michele Tabone vs Maria Vincenza Mifsud Et. (Vol. XXXVIII part 1 page 51) "biex ikun hemm il-gudikat jehtieg il-konkors ta' tlett elementi; jew l-istess persuni, l-istess oggett u l-istess kawzali; jigifieri s-sentenza ta' qabel kienet giet maqtugha f'kawza bejn l-istess persuni, fuq l-istess suggett u ghall-istess kawzali (aeadem persone, aedem res, aeadem causa pedenti)." Ara wkoll: Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited deciza mill-Prim'Awla fl-4 ta' Gunju, 1999; Igino Trapani Galea Ferol Et vs Jane, Martin, Jimmy Agius Et deciza mill-Appell 2 ta' Lulju, 1996; Montaldo Insurance Services Noe vs Stephen Sant Fournier Appell 11 ta' Marzu, 1999.

Fuq l-iskorta ta' dan it-taghlim, filwaqt li rrizulta li s-sentenza ta' qabel u cioe' dik moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Jannar, 2000, kienet bejn l-istess persuni, ghall-istess kawzali ma gietx moghtija fuq l-istess oggett meritu ta' din il-kawza. Kif gia nghad, filwaqt li din il-kawza ser tigi deciza fuq il-meritu ta' l-incident, il-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell kien jirrigwarda punt procedurali dwar nuqqas ta' nteress. Kwindi hemm differenza bejn is-sentenzi li nghataw u ser jinghata f'dan il-kaz. Ghalhekk, ma jistax jinghad li jezistu t-tlett elementi ghal konkors ta' 'res judicata'.

Il-Qorti, ghalhekk, taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni ulterjuri ta' 'res judicata' mqajjma mill-konvenut Kenneth Zammit fl-eccezzjoni ulterjuri tieghu (Fol. 120).

Jibqghu issa l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenuti Sylvana Mercieca u Kenneth Zammit ghall-kawza odjerna. Iz-zewg konvenuti qeghdin jinvokaw favur taghhom l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Kodici Civili li

jippreskrivi l-perjodu ta' sentejn ghall-azzjoni tad-danni kif impostulata mill-atturi.

L-incident in kwistjoni gara fit-23 ta' Mejju, 1997, u jidher pero', illi saret ittra ufficjali mill-atturi fis-16 ta' Marzu, 1999, (Fol. 106).

Sylvana Mercieca giet notifikata fit-23 ta' Marzu, 1999, waqt illi Kenneth Zammit ma giex notifikat. L-ewwel notifika tieghu ta' att gudizzjarju kien proprju f'din il-kawza li giet notifikata lilu fis-27 ta' Jannar, 2000.

Ghalhekk, meta tikkonsidra dawn id-dati ssib illi fil-konfront ta' Kenneth Zammit l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ghandha tirnexxi peress illi t-terminu stabbilit fl-Artikolu 2153 fuq imsemmi, ghadda favur tieghu. Hawnhekk ikun opportun illi l-Qorti tikkunsidra l-punt illi qajjem l-avukat ta' l-atturi waqt it-trattazzjoni finali ta' din il-kawza. L-avukat issottometta li t-terminu ta' l-atturi fil-konfront tal-konvenuti beda ghaddej fil-mument illi huma setghu jaghmlu din il-kawza, u cioe' wara d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-10 ta' Jannar, 2000.

Bir-rispett, il-Qorti ma taqbilx ma' tali sottomissjoni. It-terminu jibda ghaddej minn dik il-gurnata ta' l-incident u mhux mill-gurnata illi l-atturi jidhrilhom illi jistghu jintavolaw il-kawza.

Il-Qorti taghmel riferenza ghal kawza deciza mill-Prim'Awla <u>John Caruana vs Christian Runza</u> fis-7 ta' Mejju, 1999. F'din il-kawza l-attur kien qed ifittex lill-konvenut ghal danni civili wara rejat kriminali u qamet il-kwistjoni tal-bidu tat-terminu tal-preskrizzjoni, jekk mhux minn dakinhar ta' l-incident jew inkella minn dakinhar li gie kkonfermat il-htija tar-rejat kriminali. U l-Qorti kienet qalet fost affarijiet ohra li f'citazzjoni civili li fiha jintalbu danni li jkunu jirrizultaw minn rejat kriminali, l-preskrizzjoni stabbilita' ghall-azzjoni civili tibda' tghodd mill-gurnata ta' l-incident u mhux mill-gurnata tas-sentenza li kkonfemat il-htija tar-rejat.

L-analogija ghal dan il-kaz, ma tistax tigi skartata,. Ghad illi din il-kawza mhijiex kwistjoni ta’ rejat kriminali, l-atturi ma jistghux jinvokaw favur taghhom d-decizjoni ta’ l-10 ta’ Jannar, 2000, bhala l-bidu tal-perjodu preskrittiv il-ghaliex id-danni ma gewx subiti dakinhar, izda qabel, fil-gurnata ta’ l-incident u cioe’ fit-23 ta’ Mejju, 1997.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi fil-konfront tal-konvenut Kenneth Zammit l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni ghandha tirnexxi u kosegwentement il-Qorti tiddikjara l-azzjoni preskritta fil-konfront tieghu.

Fil-konfront tal-konvenuta l-ohra Sylvana Mercieca, il-kwistjoni hija differenti. Kif gia nghad, din giet notifikata fit-23 ta’ Marzu, 1999. kwindi, fil-konfront taghha l-preskrizzjoni giet interrotta u bdiet mill-gdid dakinhar fit-23 ta’ Marzu, 1999. Il-kawza gietipprezentata fl-20 ta’ Frar, 2000, u l-konvenuta Sylvana Mercieca giet notifikata fit-28 ta’ Jannar, 2000, entro t-terminu stabbilit fl-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Kodici Civili.

Kwindi, hawnhekk, il-Qorti m’ghandhiex triq ohra hlief li tichad it-talba ta’ preskrizzjoni mqajjma mill-konvenuta Sylvana Mercieca u tghaddi biex tikkonsidra l-meritu fil-konfront taghha.

Ikkunsidrat:

Illi ghal dak illi jirigwarda l-meritu, l-Qorti ma tistax tiskarta z-zewg sentenzi gia moghtija f’dan il-kuntest, u cioe’ dik tal- Prim’Awla tad-19 ta’ Frar, 2000, u dik ta’ din il-Qorti tat-28 ta’ Ottubru, 2000/2002, fejn nghad illi l-htija ta’ dan l-incident kellha taqa’ esklussivament u unikament fuq il-konvenut Kenneth Zammit.

Kif gia nghad, fil-konfront ta’ Zammit, din il-kawza kif intavolata mill-atturi Doris Bonnici u Julio Pace hija preskritta u ghalhekk ma jistghux ikunu kanonizzati bhala kredituri ta’ Kenneth Zammit.

Fil-konfront ta’ Sylvana Mercieca, Doris Bonnici ma rrizultatx illi ghandha l-interess guridiku necessarju ghar-

ragunijiet gia moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fid-decizjoni taghha ta’ l-10 ta’ Jannar, 2000.

Ghalhekk, jibqa’ biss Julio Pace li effittivament hallas ghat-tiswijiet u sofra d-danni. F’dan ir-rigward ma jistax ikun hemm ezitu favorevoli, ghax kif gia nghad, il-konvenuta Sylvana Mercieca ma kinitx responsabbli ghal dan l-incident, izda kien biss Kenneth Zammit li pero’ fil-konfront tieghu l-azzjoni attrici hija preskritta.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talba ta’ l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

Anthony Zammit
Deputat Registratur